SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 04/K9/19**

Data tal-laqgħa: 29 t' Awwissu 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

**Assenti:** (1) Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Inqrat it-Talba.

**04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

04.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tiġi skużata. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**04.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

04.2.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab u kien hemm qbil li fil-minuti preċidenti jitniżżel li hu kien għamel talba sabiex jiġi mnaddaf l-Monument tal-Qalb ta' Ġesu kif ukoll jitranġa d-dawl u jiżebagħ ir-railings.

04.2.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ġibed l-attenzjoni li kellu jitniżżel fil-Minuti preċidenti li l-Kunsill kien ser jikkontribwixi l-pavaljun ta' Triq Forrest.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

04.2.06 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bankijiet li kellhom jsiru f' Xatt is-Sajjieda dawn saru.

04.2.07 Il-Kunsill ġie nfuramat li l-culvert li kien hemm mkisser fi Triq il-Kbira k/m Triq Lapsi dan ġie rranġat.

04.2.08 Iċ-Ċermen irringrazzja lil kull min kien involut waqt il-Festa ta' San Ġiljan inkluż l-amministrazzjoni.

**Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

04.2.09 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mal-Prim Ministru Dr. Joseph Muscat fejn fiha ġew diskussi diversi issues u talbiet pendent li l-Kunsill għandu fosthom id-devoluzzjoni ta' Palazzo Spinola, Pjazza Spinola, upgrading tal-promenade. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

04.2.10 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li kienu ser jingħataw €37,000 min-naħa ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali mill-fondi tal-LESA, kif ukoll €67,000 minn surplus tar-Reġjun Ċentru.

04.2.11 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li Triq Dun Ġużepp Xerri u parti minn Triq Zammit Clapp tlestew ix-xogħolijiet ta' l-Enemalta u wara jibda x-xogħol fuq l-Asphalt.

04.2.12 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-Ambjent Malta ser jagħti arbuxelli biex jitwaħħlu mal-promenade.

04.2.13 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li saret laqgħa mal-Green Pak dwar l-iscrips preżenti kif ukoll kampanja informattiva dwar il-ġbir ta' l-iskart.

04.2.14 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li attenda l-laqgħa tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn fiha ġew diskussjoni l-programm ta' ħidma ta' l-AKL għax-xhur li ġejjin, fosthom Mental Health Awareness Campaign, Online Permit System, u Data Protection Officer.

04.2.15 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien ser isir ingaġġ tas-Sinjorina Charmaine Pisani bħala segretarja fuq skala 15.

**04.2.15 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

04.2.15.01 Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa dwar:

- Il-Bus Shelter fi Pjazza Spinola fejn hu ġie nfurmat li l-proċess kien miexi.
- Applikazzjoni ta' l-funtana ġewwa l-Balluta, huwa ġie nfurmat li din ġiet sottomessa.
- Outdoor gym – huwa ġie nfurmat li min-naħa tagħna ergajna kellimna l-Perit tal-Kunsill;
- It-Taraġ Scicluna – huwa ġie nfurmat li ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-board ta' TORB.

04.2.15.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa fiex waslet l-applikazzjoni tal-ATM f' Ta' Ġiorni, iċ-Ċermen infurmah li din l-applikazzjoni ġiet milqugħa u kellha ssir laqgħa mal-Perit biex jagħtih l-indikazzjonijiet sabiex jibdew ix-xogħolijiet. Huwa ġi nfurmat wkoll li dwar il-bus shelter ġiet sottomessa l-applikazzjoni tad-DNO.

04.2.16.03 Il-Kunsillier John Agius rringrazzja lill-Kunsill li l-bozza fi Triq Lapsi saret. Huwa semma' wkoll li fil-festi għandhom jintużaw bnadar ta' San Ġiljan u mhux tal-Belgju. Huwa qal ukoll li rridu nsibu soluzzjoni għat-tfieħ tal-karti għaliex dawn qed iġibu piż finanzjarju lill-Kunsill.

04.2.16.04 Il-Kunsillier Guido Dalli ssuġġerixa li tintbagħat ittra lill-Infrastructure Malta sabiex nitkellmu dwar it-traffic li qed jinżel minn Paceville lejn Spinola, il-bus stop u l-bus shelter fl-area ta' Spinola kif ukoll biex nissuġerixxu li Triq Wied Għomor tibqa two way.

**04.3 Proposti ghal progetti finanzjati mill-Planning Fund;**

04.3.01 Wara li saret laqgħa mal-uffiċċjali tal-Planning Authority li jamministraw il-fondi tal-Planning, sar qbil li nagħmlu talba fuq dawn il-proġetti mniżżla hawn taħt sabiex naraw jekk humiex eliġibbli għal dawn il-fondi:

a. Il-promenade mill-Love Monument sal-Barracuda;
b. Internal bus cicular ġewwa San Ġiljan;
c. Il-Community Centre ġewwa Ta' Ġiorni;
d. Il-Playing field ta' Ġnien Saver Żarb.

**04.4 Devoluzzjoni ta' Palazzo Spinola;**

04.4.01 Dwar id-devoluzzjoni ta' Palazzo Spinola kienet qed tiġi proċessata applikazzjoni mill-ġdid għad-devoluzzjoni ta' Palazzo Spinola, pero fost l-informazzjoni rikjesta, kienet dwar pjanti ta' l-istruttura minn ġewwa kif ukoll approvazzjoni bil-quddiem min-naħa tal-Ministru għal din id-devoluzzjoni, għal dan l-għan tkellimna mad-Direttura Marisa Pisani, sabiex tgħina nġibu dawn iż-żewġ talbiet.

**04.5 Fondi tal-LESA;**

04.5.01 Ara 04.2.10

**04.6 Fuljett informattiv 'Good to know'**

04.6.01 Iċ-Ċermen kien qiegħed jipproponi li l-Kunsill jistampa u jiddistribixwi fuljett dwar drittijiet ta' resident biex jiproteġu lilhom infushom waqt li jkun qed isir żvillupp fl-akwati tagħhom. Kien hemm qbil li sa laqgħa li jmiss jiġi propost abbozz magħmul mill-Perit Ebejer sabiex ikun hemm qbil fuq id-dettalji.

**04.7 Emendi għal bye-law dwar għamara fit-toroq;**

04.7.01 Fuq il-Bye-Law dwar Għamara fit-toroq, kien hemm qbil li din tintbagħat lil kull kunsillier, sabiex fil-laqgħa li jmiss jagħtu l-proposti tal-emendi.

**04.8 Talbiet żgħar;**

**04.8.01 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar nominazzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv; (Inc. 4589/19)**

04.8.01.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li Cher Carmen Fenech għal din il-pożizzjoni. Kien hemm qbil unanimu.

**04.8.02 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar proponiment għal Ġemellaġ bejn Besiktas u lokalita' ġo Malta u Għawdex (Inc. 4756/19)**

04.8.02.01 Il-Kunsill mhux ser japplika.

**04.8.03 Email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar eSkills Malta Foundation (Inc. 4741/19);**

04.8.03.01 Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

**04.8.04 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'isem l-Ewropa dwar Partecipazzjoni fil-European Week of Regions and Cities 2019 fi Brussels – Ottubru 2019 (Inc. 4757/19);**

04.8.04.01 Din inġabret għall-attenzjoni tal-Kunsill u iddeċidejna li l-Kunsill ma jitlax.

**04.8.05 Email mingħand il-Perit Anthony Bezzina dwar ix-xogħol fuq l-ATM f' Ta' Ġiorni (Inc. 4859/19);**

04.8.05.01 Ara 04.2.15.02

**04.8.06 Email mingħand il-Greenpak dwar ftehim ta' kollaborazzjoni ġdida (Inc. 4855/19);**

04.8.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nerġu nkelmuhom.

**04.8.07 Email dmingħand l-Active Enterprises dwar talba għall-permess ta' advertising barrier (Inc. 4940/19);**

04.8.07.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser issir laqgħa mal-Active Enterprises.

**04.8.08 Email dwar proposal dance lessons (Inc. 4883/19, 4913/19);**

04.8.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa miegħu.

**04.8.09 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Cirk AKL 2019/080 – Registrazzjoni għas-Sessjoni ta' Taħriġ għall-Membri Eletti (Inc. 4970/19);**

04.8.09.01 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ser tkun qed tattendi għal din is-sessjoni tat-taħriġ.

**04.8.10 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2019/093 Social Media (Inc. 4975/19);**

04.8.10.01 Din ser terġa tittela fil-laqgħa tal-Kunsill.

**04.11.11 Ittra dwar relakoazzjoni ta' refab boxes**

04.8.11.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li dawn ir-refab boxes ser jitmexxew għal taħt il-pont fi Triq il-Baltiku u li talbuna li ssir laqgħa magħna.

**04.8.12 Email dwar Partnership for European projects (Inc. 4880/19);**

04.8.12.01 Din ser terġa titella fil-laqgħa tal-Kunsill.

**04.8.14 Email mingħand il-Kunsilliera Patricia Camilleri dwar Poster (Inc. 4847/19);**

04.8.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill japplika għaliha u ser ikun qed isib post fejn din tkun tista issir.

**04.8.15 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2019/095 – Inizjattivi Wasterv (Inc. 4980/19);**

04.8.15.01 Din ser terġa titella fil-laqgħa tal-Kunsill.

**04.8.16 Email mingħand it-TCTC dwar Tqassim taċ-Ċertifikati tar-Robotica u Coding (Inc. 4974/19);**

04.8.16.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jattendi iċ-Ċermen Dott. Albert Buttigieg u l-Kunsilliera Patricia Camilleri.

**04.9 Skeda tal-Pagamenti;**

04.9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A)

04.9.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

04.9.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah.

04.9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**04.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

04.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4800 sa 4828 (Ara Appendiċi 'B')

04.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**04.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

04.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 19 ta' Settembru 2019 fil-5.00p.m.

04.11.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15p.m.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 30 ta' Settembru 2019